9 ta' Diċembru, 1949

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Paolo Cutajar *versus* Alfred Tonna

**Arrest Personali — Marđ tad-Debitur — Sospensjoni — Art. 361 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Fost il-każijiet ta' eżenzjoni mill-arrest personali l-liġi ma tikkomprendix dak ta' marđ serju tad-debitur arrestat.*

*Għalhekk id-debitur li jkun mariđ b'mod li l-karċerazzjoni tkun ta' preġudizzju għal saħtu, jista' jitlob, mhux ir-revoka tal-mandat ta' l-arrest personali, imma s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tiegħu għal żmien indeterminat.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta li b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru 1947 fil-kawża "Alfred Tonna vs. Paolo Cutajar" ġie dikjarat debitur tal-konvenut fis-somma ta' £90. 15. 7, bl-imgħax tas-6% minn dak in-nhar, u kundannat ukoll għall-arrest personali sempliċi; illi b'digriet tagħha tal-20 ta' Lulju 1949, fuq rikors tal-konvenut Alfred Tonna, dina l-Qorti laqgħet it-talba għall-arrest personali sempliċi ta' l-attur, u l-attur ġie arrestat u kunsinnat lill-kalzrier; illi l-arrest personali huwa ta' preġudizzju għas-saħħa ta' l-attur, kif iċċertifika oralment it-Tabib Angelo Micallef, Medical Officer tal-Ħabs, u kif jiġi pruvat fil it-trattazzjoni tal-kawża; u talab li, wara li jiġu mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u kwalunkwe provvediment opportun, dina l-Qorti, wara, okkorrendo, ir-revoka "contrario imperio" tad-digriet tal-20 ta' Lulju 1949, tordna li l-attur jiġi skarċerat, peress illi d-detenzjoni tiegħu fil-ħabs hija preġudizzjevoli għal saħħtu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur fiċ-ċitazzjoni fuq imsemmija qiegħed jitlob ir-"revoka" ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' l-arrest personali. Iżda, salva l-kwistjoni, li tiġi eżaminata 'l-quddiem, tal-fondatezza tar-raġunijiet allegati għab-bażi tad-domanda, hu importanti li jiġi osservat li f'każijiet simili proprjament mhux ir-revoka għandha tiġi mitluba, imma s-"sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni". Dan jidher ċar minn studju ta' l-oriġini tal-ġurisprudenza nostrali "in subjecta materia";

Difatti hu fatt konoxxut illi l-Liġi Maltija, għalkemm fl-art. 361, Kap. 15, Ediz. Riv., tenumera l-każijiet ta' eżenzjoni mill-arrest personali, fost dawn il-każijiet ma tikkomprendix il-każ ta' mard serju tad-debitur arrestat;

Issa, mir-riċerki li għamel l-Imħallef sedenti jidher li l-każ ġie kunsidrat l-ewwel darba fil-kawża "Castillo vs. Caruana", maqtugħa minn din il-Qorti fl-1 ta' Settembru 1888 — almenu fil-ġurisprudenza publikata, għaliex jista' jkun hemm xi deċiżjoni inedita, għalkemm mhux biss fis-sentenza issa ċitata ma hemm ebda riferenza għal xi preċedent, imma anzi l-lokuzzjoni ntiera tagħha hi tali li minnha wieħed jista'

jifhem li allura l-każ kien qiegħed jiġi kunsidrat l-ewwel darba;

L-Imħallef Dr. Paolo Vella, li allura kien jippresjedi din il-Qorti, sab ruħu kontrontat bid-diffikultà li l-każ ta' mard tad-debitur kien "casus omissus", u intant li, jekk hemm il-perikolu għas-saħħa, kien ikun inuman li ma jiġix provvedut mill-Qorti. Il-ġudikant ixxolja n-"nodus juris" b'dan il-mod, peress li ma setax imur kontra d-dispost espress u limitativ ta' l-art 361 fuq imsemmi; għalhekk hu ma kkonċediex ir-revoka li kienet ġiet mitluba, għaliex ir-revoka timporta eżenzjoni, u eżenzjoni għad-debitur marid fil-liġi ma hemmx; imma kkonċeda s-sospensjoni tad-detenzjoni u l-iskarċerazzjoni provviżorja "rebus sic stantibus". U biex din is-soluzzjoni jkollha bażi ġuridika, il-ġudikant appoġġaha fuq il-liġijiet naturali. Difatti qal hekk :— "........... non ostante che il caso presente sia un 'casus omissus', tuttavia nulla osta che sia governato dalle leggi di natura, e principalmente dalla legge della propria conservazione, anteriori a quelle create dall'uomo, le quali non possono concepirsi in contradizione colle leggi umanitarie";

Dina s-sentenza ġiet konfermata fl-Appell b'sentenza tad-19 ta' Ottubru ta' l-istess sena 1888;

Fis-sentenza "Buhagiar vs. Dr. Parnis" tal-24 ta' Lulju 1889, din il-Qorti affermat l-istess prinċipju. Każ simili reġa' ġie kunsidrat minn din il-Qorti, allura presjeduta mill-Imħallef Dr. Luigi Ganado, fil-kawża "Decandia vs. Dr. Parnis", maqtugħa fl-20 ta' Ottubru 1891; u l-ġudikant żied il-konsiderazzjoni mhux traskurabili, u li tirrispondi għall-osservazzjoni li tista' ssir mill-kreditur li d-dritt tiegħu ma għandux jiġi preġudikat, illi "il diritto del creditore di ottenere la detenzione della persona del debitore moroso nell'adempimento dei suoi obblighi commerciali, per costringerlo a tale adempimento, non si estende a che il debitore malato debba rimanervi anche quando la sua salute, a giudizio di persone competenti, venga indebolita in tal modo da renderlo quasi inabile al lavoro......" Anki f'dan il-każ il-Qorti akkordat mhux ir-revoka, iżda s-sospensjoni;

Fis-sentenza mogħtija susseġwentement fit-2 ta' Marzu 1893, fil-kawża "Melendone vs. Caruana", l-Imħallef Dr. Paolo Debono żied konsiderazzjoni oħra prezzjuża, meta qal,

wara li ssenjala l-kummissjoni tal-każ fil-liġi, illi l-istess raġunijiet li nduċew il-leġislatur li jeżenta mill-arrest dawk li għalqu s-sittin sena, jikkostitwixxu ugwalment il-bażi ta' l-intervent tal-Qorti meta d-debitur ikun marid b'mod li l-karċerazzjoni ġġiblu *preġudizzju gravi għal saħtu. Infatti dawn ir-raġunijiet*, kompla jgħid l-Imħallef Debono, huma tnejn: illi f'każijiet simili d-debitur ikollu bżonn kuri u sokkorsi li l-privazzjoni tagħhom tista' tkun miċidjali; u illi l-ġustizzja u l-umanità ma jakkonsentux li d-debitur jesponi saħtu, u forsi ħajtu, għall-interess pekunarju tal-kreditur. Iċ-ċitazzjoni kienet, *anki f'dan il-każ, għar-revoka; imma l-Imħallef Dr. Debono*, wara li osserva illi "nella istanza proposta è involuta quella per la sospensione della esecuzione del mandato", akkorda d-domanda "nel solo senso di ordinare la sospensione, fino a giorno indeterminato, dell'arresto del debitore........." Fis-sentenza ġie osservat—għad li ma ġewx ċitati—illi ħafna *kienu l-eżempji fejn it-Tribunali ta' Malta kienu ddikjaraw* eżenti, almenu temporaneament, mill-arrest personali d-debitur li jkun marid;

Fil-kawża "Catania vs. Abela Vella", maqtugħa minn din il-Qorti fis-26 ta' Novembru 1896, l-istess Imħallef Dr. Debono ikkonferma l-istess konsiderazzjonijiet ta' qabel;

*Ikkunsidrat;*

Illi mir-relazzjoni tal-perit mediku Professur Dr. Hyzler nominat mill-Qorti, u mix-xhieda tiegħu, jirriżulta illi d-debitur, ċjoè l-attur, hu marid gravement u li l-karċerazzjoni hi ta' preġudizzju għal saħtu. Il-Qorti ma ssibx motiv biex ma tadottax fuq dan il-punt ir-relazzjoni tal-perit mediku;

Dwar *il-kap ta' l-ispejjeż;*

Hija ġusta l-osservazzjoni ta' l-Imħallef Dr. Debono fil-kawża "Melendone vs. Caruana" fuq imsemmija, illi "l'infermità dell'attore, se giustifica la sospensione della sua detenzione, non rende nullo, nè ingusto, il mandato d'arresto contro di lui ottenuto dalla convenuta"; kif hi wkoll ġusta l-osservazzjoni l-oħra illi "l'attore *invoca per causa personale ed eccezzionale* la esenzione da una sua obbligazione, da una cauzione che la legge darebbe alla convenuta; e perciò è giusto che egli soffra le spese del presente giudizio". Din kienet, del resto, minn dejjem il-prattika ta' din il-Qorti f'każijiet simili;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' d-domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni fis-sens biex li tordna s-sospensjoni sa ġurnata indeterminata, ta' l-eżekuzzjoni ta' l-arrest ta' l-attur; u tordna, konsegwentement l-iskarċerazzjoni immedjata tiegħu sa żmien indeterminat. L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-attur.

**Tmiem tat-Tielet Parti**

**tal-Volum XXXIII.**